# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Frar, 2001**

**Numru : 36**
**Citaz. Numru : 68/01/RCP**

**Korporazzjoni ghal Izvilupp ta' Malta**

**vs**

**Euro Chemie Products Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta` Euro Chemie Products Limited tokkupa il-fabbriki RL20A u RL20B, fir-Ricasoli Industrial Estate, limiti tal-Kalkara li huma propjeta` tal-Gvern ta' Malta amministrata mill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta.

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta is-somma ta' wiehed u tletin elf, sebgha mija u sebgba u tmenin Lira Maltin (Lm31,787.00,0) bhala kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbriki RL20A u RL20B Ricasoli Industrial Estate, limiti tal-Kalkara u dan skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti immarkati bhala dok. “A” u dok. "B" rispettivament.

Illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx dan l-ammont ghalkemm giet interpellata biex taghmel dan anki ufficcjalment (vide dok. "C"), liema ammont huwa cert, dovut u likwidu u ghat-talba tal-Korporazzjoni attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandix eccezzjonijiet xi ggib.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandix:

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tal-Korporazzjoni attrici u dan bid-dispensa tas-smiegh kif hemm mahsub fl-artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Proceudura Civili, a tenur tad-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni attrici (Dok. “D");

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' wiehed u tletin

elf, sebgha mija u sebgha u tmenin Lira Maltin (Lm31,787-00,0) dovuta kif imsemmi fuq.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghall-ammont ta' disa' u ghoxrin elf, tmien mija u seba' u sebghin Lira Maltin u zewg centezmi (Lm29,877.02c) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat id-dikjarazjoni ta' Donald Spiteri ghan-nom tas-socjeta` konvenuta li biha ammetta t-talba kif ridotta.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni ta' Donald Spiteri ghan-nom tas-socjeta` konvenuta it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta' disa' u ghoxrin elf, tmien mija u seba' u sebghin Lira Maltin u zewg centezmi (Lm29,877.02c) u bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-

sentenza sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**8 ta' Frar 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**8 ta' Frar 2001**